MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1433/1999/1

**Maria Pierina Zammit**

**vs.**

**Franco Mule' f'ismhu proprju u kif ezergenti fin-negozju PineApple Car Hire**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi l-attrici kienet impjegata fuq bazi ta' kuntratt indefinit bhala "receptionist" mal-konvenut bejn il-15 ta' Mejju 1997 u l-31 ta' Marzu 1998 fuq bazi 'full-time' u fil-perjodu bejn

l-1 ta’ April 1998 u t-30 ta’ Gunju 1998 fuq bazi part-time (vide Dok A);

Illi l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u sitta u hamsin lira maltin u erba’ u erbghin centezmu (Lm2456.44) rapprezentanti bilanc rimanenti minn somma akbar f'pagi, allowences, bonuses, hlas tal-leave u kif ukoll hlas ghall-overtime, kollox kif inhu spjegat fl-anness Dok B u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut gie interpellat ihallas l-istess somma izda huwa baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna::-

1. tiddikjara illi l-istesss konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’elfejn, erba’mija u sitta u hamsin liri maltin u erba’ u erbghin centzmu (Lm2456.44) bilanc minn somma akbar u rapprezentanti pagi, allowences, bonuses, hlas tal-leave u hlas ghall-overtime, kif fuq premess;.

2. tikkundanna lil-istess konvenut ihallas lill-attrici is-somma msemmija ta’ elfejn, erba’ mija u sitta u hamsin liri maltin u erba’ u erbghin centezmu (Lm2456.44) oltre’ l-imghaxijiet legali mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-attrici minn mal-konvenut, u cioe’ mit-30 ta’ Gunju 1998 sad-data tal-pagament effetiv;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha; :

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-ammonut mitlub huwa ferm esagert aktar mit-talba precedenti li l-istess attrici kienet talbet;.

2. Illi l-konvenut dejjem kien lest ihallas l-ammont ta' seba' mija u seba liri maltin (Lm707) hekk kien gia proponut bhala l-ammont kollu dovut lilha; .

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attrici u lix-xhieda minnha prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attrici tippremetti li kienet impjegata "full time" fuq bazi ta' kuntratt indefinit bhala "receptionist" mal-konvenut u dana bejn il-15 ta' Mejju 1997 u l-31 ta' Marzu 1998. Fil-perjodu bejn l-1 ta' April 1998 u t-30 ta' Gunju 1998 kienet impjegata dejjem mal-konvenut pero' fuq bazi part-time. L-attrici tippretendi li ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta u hamsin lira maltin u erba' u erbghin centezmu (Lm2456.44) bhala bilanc ta' pagi, allowences, bonuses, hlas tal-leave u overtime. Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-ammonut mitlub hu esagerat u hu ferm aktar mit-talba li l-attrici ghamlet precedentement. Jeccepixxi ukoll li huwa dejjem kien lest li jhallas lill-attrici l-ammont ta' seba' mija u seba liri maltin (Lm707);

In vista ta' dawn l-eccezzjonijiet il-konvenut qed jammetti li huwa ghad ghandu jghati lill-attrici xi bilanc ghar-rigward tal-pagi, allowances, bonuses, leave u overtime. Huwa pero' jghid li ghad ghanfu jghati biss Lm707 u mhux l-ammont li qed titlob l-attrici. Inoltre l-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minnu sottomess fl-msemmija nota ta' eccezzjonijiet tieghu u dan nonostante li kellu kull opportunita' li jressaq tali provi;

L-attrici kkonfermat li fil-periodi in kwestjoni hi kienet impjegata mal-konvenut bhala receptionist/clerk. Hija kkonfermat li ghad ghandha tiehu minnghand il-konvenut l-ammont indikat fic-citazzjoni u spjegat ukoll kif wasslet ghall-istess somma u dana ukoll a bazi ta' diversi dokumenti li tlestew mill-istess konvenut;

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti. Fl-istess hin l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta'elfejn, erba' mija u sitta u hamsin liri maltin u erba' u erbghin centzmu (Lm2456.44) bilanc ta' somma akbar u rapprezentanti pagi, allowences, bonuses, hlas tal-leave u hlas ghall-overtime u tikkundanna lil-istess konvenut ihallas lill-attrici is-somma msemmija ta' elfejn, erba' mija u sitta u hamsin liri maltin u erba' u erbghin centezmu (Lm2456.44) u dana oltre' l-imghaxijiet legali mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attrici minn mal-konvenut, u cioe' mit-30 ta' Gunju 1998 sad-data tal-pagament effetiv;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------